# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 821

KAZ NRU. 885

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Adam Azzopardi

u

Prime Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 18 ta' April, 1997

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 18 ta' Novembru, 1994 Ref. ME/2/94/II/65.

F'Jannar 1997 gie assenjat lil dan it-Tribunal imhabba rtir tac-Chairman li kien qed jiehu konjizzjoni tieghu meta kien thalla ghas-sottomissjonijiet finali.

Fli-Statement of Case tieghu l-appellant qal li kien ilu mpjegat mad-ditta sitt snin bhala haddiem/watchman u li fis-27 ta' Ottubru 1994 ghamel ix-xoghol tieghu - isajjar u watchman; meta rega' jmissu xoghol fid-29 ta' Ottubru, 1994 qalulu li t-temperatura tal-freezer kienet nizlet (telghet) u staqsuh ghaliex ma kienx irrapporta l-kaz lil inginier. Hu sostna li f'sitt snin hadd ma kien qallu li kellu jivverifika t-

temperatura. Meta rega' dahal ghax-xoghol fil-31 ta' Ottubru, 1994 kien gie mcanfar mis-sur Muscat u "kelma iggib lill-ohra" wasal biex tkecca pero' thalla jahdem ix-shift ta' dak il-jum.

Il-Kumpanija sostniet li wahda mir-responsabbilitajiet principali ta' watchman kienet li jimmonitorja l-impjant u f'kaz ta' xi malfunzjoni jew *breakdown*, jikkontattja lill-inginier jew lill-management immedjatament; sostniet ukoll li d-doveri ta' watchman kienu gew spjegati lilu meta beda jahdem fl-1988.

Bazikament din it-tilwima trid tigi solvuta miz-zewg xhieda - wiehed jghid abjad u l-iehor jghid iswed. Ghalhekk iridu jigu kkunsidrati fatturi li ma jaghtux prova diretta imma jwasslu ghal aktar soluzzjoni plawsibbli.

Dwar il-principal u t-tmexxija tieghu tal-fabbrika, it-Tribunal ihoss li ma kienx wiehed li jinsisti hafna fuq proceduri; kien ta spjegazzjoni hafifa fuq id-doveri u mbaghad hallieh jitghallem wahdu; kien installa *punch clock* biex jivverifika li l-watchman ikun ghamel ir-ronda mbaghad hallihom ma jippunchjawx; dahal fi spiza u gab inginier gdid u ma assikurax ruhu li dan ivverifika li n-nies ta' tahtu kienu jafu x'kienu d-doveri taghhom; beda jinstalla sistema gdida u rega' ma assikurax ruhu li l-impjegati kienu jafu x'inhuma u x'jindikaw; kien ragel li jitlawlu malajr imma kien nar tat-tiben u jahfer malajr.

Minn naha l-ohra jidher li l-appellant, ghalkemm ma jafx jikteb u jaqra, huwa ragel intelligenti li cahad (u baqa' dejjem isostni) li meta kien gie mpjegat kien gie muri li parti mix-xoghol tieghu kien li jivverifika t-temperatura tal-freezers; li lanqas kienu ghallmuh kif jaqra l-*gauges* antiki

jew li kienu qalulu kemm kellha tkun it-temperatura ta' kull wahda.
Biex wiehed jara liema verzjoni ghandha tigi accettata iridu jigu kkunsidrati indizji li jirrizultaw mix-xhieda moghtija matul is-smiegh.

Kif ga ntqal il-principal ma jidhirx li kien wiehed metikuluz - spjega fuq fuq u halla li l-impjegat jitghallem biz-zmien - kif anke ammetta l-appellant dwar it-tisjir - pero' mhux probabbli li ma semma' assolutament xejn dwar l-importanza tat-temperatura tal-*freezers* meta din tifforma l-aktar haga mportanti tax-xoghol tal-fabbrika.

Minn naha l-ohra huwa inkoncepibbli li fis-sena 1994 li bniedem ma jirrejalizzax l-importanza ta' kontroll fuq temperatura - fattur hekk importanti ghall-azjenda li taghtih ix-xoghol, aktar u aktar meta l-impjant kien difettuz u kien ta' spiss jkollu *breakdowns* u aktar ta' spiss kien igieghel lill-inginier u lill-fitter icemplu bil-lejl jew fil-*weekends* u jitolbuh imur jara t-temperatura ta' xi freezer li kienet qeghda tinkwethom matul il-gurnata.

Irrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-appellant li kellu suspett li t-tkeccija tieghu kienet dovuta ndirettament ghaz-zieda fil-paga li kien irnexxielu jakkwista; gie allegat ukoll, b'certa nsistenza li l-hsara kienet ta' xi Lm20 u mhux ta' eluf ta' liri. Dan l-aspett forsi gie mdahhal ghaliex is-sinjura Micallef kienet qaltlu jitolbu mahfra ghax is-sid dejjem hafer imma l-appellant sostna li ma kellux ghalfejn jitlob mahfra meta ma ghamel xejn hazin - pero' ammetta li kellu tilwima mal-principal ta' xi siegha u nofs, ghalkemm qal ukoll f'xhieda ohra li qatt ma kellu xi jghid mas-sur Muscat. Waqt li l-valur ghandu certa rilevanza ghall-kastig - jekk kien hemm kastig - ghandu wkoll jigi kkunsidrat x'seta' jigri bin-nuqqas ta' avvertiment kieku waqfu l-*freezers* kollha. It-

Tribunal ihoss li la l-valur u lanqas il-paga ma kienu fatturi li kkontribwew ghat-tkeccija.

L-appellant qal li meta beda x-xoghol spjegawlu fuq fuq fuq il-perzut u l-mortadella izda l-freezers ma issemghux. Aktar tard pero’ ammetta li l-freezers kienu gew murija lilu (pagna 15) izda dwar it-temperatura xejn.

Qal li ma jafx jaqra pero’ arlogg tal-hin kien jgharrfu u anke digitali; ammetta wkoll li l-inginier Rossiter kien icempillu biex immur jaqra t-tempratura ta’ xi freezer u li hu kien jaghmel hekk; qatt ma qal li ma kienx jaf jew li ma kienx xogholu; anzi skond Lily Micallef, kien qallha “Inti tahseb li kieku rajtha (l-A1) ma kontx incempel lil Rossiter bhal ma cempilt il-Gimgha ta’ qabel fejn il-freezer A3 kienet qed timmarka seventy” (pagni 44 u 46), dikjarazzjoni li Micallef baqghat izzomm ferma fil-kontro ezami u fattur li juri li l-appellant kien fehem x’kienet l-implikazzjoni tan-numru li kien jaqra.

Mhux hekk biss imma fil-lista tax-xhieda prezentata mal-iStatement of Case tieghu qal li kien sejjer jtella’ bhala xhud lill-fitter biex ighid li kien jcempillu bil-lejl biex jara t-temperatura u kieku ma kienx jaf jaraha l-fitter darba biss kein icempillu u hux ta’ spiss kif allega l-appellant fl-indikazzjoni tal-prova tal-fitter.

Qabel ma ammetta, waqt ix-xhieda, li l-freezers kien rahom kien gie mistoqsi kienx rahom u jekk staqshiex x’kienu u rrisponda li lilu qatt ma qalulu xejn pero’ meta riedu xi haga kienu jcemplulu. Qal li hu qatt ma staqsa x’kienu ghax “aktar ma ssaqsi, aktar jaghtuk xoghol”.

Qal li  kien jahdem xi dsatax-il siegha fil-weekends meta allura kien ikun wahdu u ghalkemm l-inginier Rossiter kien ta’

spiss jcempillu biex imur jara t-temperatura, haseb li dan kien biss ghaliex billi Rossiter kien dejjem idur jiccekkja t-temperatura, allura kien icempel biex iserrah rasu qabel ma jorqod. Sostna li kien imisshom qalulu li dak kien parti minn xogholu u mhux jotolbuh kull darba imur jara.

Ghalkemm kien allega li fil-fehma tieghu kien semplici watchman (apparti mix-xoghol tat-tisjir) kien icempel ta' spiss u jirraporta xi haga hazina u ghal dan kellu n-numri tat-telefon ta' kulhadd hlief ta' John Muscat(pagna 15).

Qal li meta twahhlu d-digitali rahom imma hadd ma qallu kif jaqrahom pero' wara ammetta li jaf jaqra digitali (pagna 7). Qal li hadd ma kien qallu jhares lejn l-arlogg u hu ma kienx interessat jekk, per ezempju, kienx jimmarka 50 jew 200.

Dwar il-kompressur lanqas ma kienu qalulu xejn pero' meta wiehed waqaf, l-inginier, wara li sewwieh, qallu li kien wahhal alarm biex jindikalu li l-kompressur kien waqaf. Veru li kien hemm tnejn, u li jieqfu u jixghelu wahedhom imma waqfien permanenti ta' wiehed kien jirrizulta f'xi hin f'silenzju perfett u ghalhekk ma setax ma jindunax li wiehed waqaf.

Qal li hadd ma kien qallu li kellu jirraporta meta l-freezer telghet plus 28 (pagna 32) u ma qalx li billi t-temperatura ma kinetx parti mid-doveri tieghu, lanqas kien jaf li kienet telghet plus 28.

Meta wizen iz-zewg nahat, it-Tribunal jhoss li mhux koncepibbli li principal ta' fabbrika li fil-maggoranza taghha hija freezer ma jispjegax x'kienu, anke fuq fuq u kif kellhom jigu ccekkjati matul l-iljieli u l-weekends.

Min-naha l-ohra ma jistax jaccetta li wara sitt snin ta' impjieg go fabbrika li hija principalment freezer; fabbrika li kellha impjant ghajjien u ta' spiss jaghti problemi; fabbrika fejn kemm l-inginier u kemm il-fitter kienu ta' spiss icemplu meta kien ikun ghassa (vuoldiri bil-lejl jew fil-weekends) u jitolbuh jmur jara t-temperatura li l-appellant ma fehemx l-importanza u mhux talli ma saqsiex imma qal li ma kienx jinteressah ghax lilu ma kienu qalulu xejn.

Dan atteggjament xejn ma jaqbel mad-diskors ta' Lily Micallef, li ma giex kontestat, li meta l-A3 telghet hu stess cempel lis-sur Rossiter; jaqbel pero' mal-attitudini tieghu li aktar ma ssaqsi aktar jaghtuk xoghol.

Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss li l-atteggjament tal-appellant kien il-fattur li l-aktar ikkontribwixxa ghat-tkeccija u ghalhekk jiddeciedi li l-istess tkeccija kienet gusta.

Ghall-fini tar-Regolamenti tal-1986 (A.L. 48 tal-1986) dwar drittijiet li jithallsu, maghmula taht il-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal qieghed jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri tal-partijiet d-dritt ta' Lm40.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

----------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

----------------
**Joyce Agius**
**A/Segretarja**

mrg